# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1306/98**

**Numru 30**

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Phylis Sammut Smith sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Phylis Sammut Smith.**

**vs**

**Godwin Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex l-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine s-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltija u disgha u hamsin centazmu (Lm330.59) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tat-3 ta' Settembru, 1996, gewwa l-Isptar St. Vincent De Paule, Luqa, bejn il-vettura numru LAC 552 misjuqa mill-konvenut

u l-vettura numru C-4878 misjuqa mill-mittenti Phylis Sammut Smith u assikurata tal-attur nomine, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 1998, u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa (a fol 6 tal-atti):

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi tahti l-attrici ghall-incident minnha ndikat fl-att tal-avviz aktar il-fuq indikat u dan kif jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz ta' sokkombezza tal-konvenut, l-ammont dedott fl-atti tal-avviz kif aktar il-fuq precitat huwa eccessiv.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Rat l-ati kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi PS 613 Joseph Lanzon (fol 12 u 13 tal-atti) spjega li l-incident gara gewwa l-"ground" tal-Isptar San Vincenz de Paule fejn hemm sinjali tat-traffiku. Difatti hu xehed li l-konvenut kien tiela kontra s-sinjal tat-traffiku li kien jindika "one way". Mill-iskizz maghmul u esebit minnu (fol 14 ibid) jidher li l-assikurata tal-attur nomine kienet hierga minn triq laterali b'sinjal "stop" waqt li l-konvenut kien qed jsuq fuq ix-xellug tal-istess assikurata kontra dak indikat bi vlegeg fuq l-istess skizz bhala "way out". B'referenza ghar-rapport esebit ukoll mill-istess xhud (a fol 16 ibid) l-istess assikurata kienet spjegat li kienet ghadha kif harget minn fuq is-sinjal ta' "stop" meta f'daqqa wahda giet rinfaccjata minn "mini bus" tal-marka Mercedes li kien qed jsuq kontra s-sinjal tat-traffiku. Da parti tieghu l-konvenut kien qal li kien tiela' il'fuq meta, f'daqqa wahda, il-vettura misjuqa mill-assikurata baqghet hierga minn wara kantuniera u habtet mal-imsemmi "mini bus" misjuq minnu.

Ikkunsidrat

Illi Phylis Sammut Smith (fol 19 et seq ibid) spjegat li kienet f'triq laterali b'sinjal ta' "stop" liema triq taghti ghal go r-"ring road" tal-istess sptar. Hi spjegat li hawnhekk trid tieqaf u thares waqt li t-triq li kienet ser tidhol fiha hi "a senso unico" cjoe "lejn ix-xellug biss". Hawnhekk hi bdiet iddur bil-mod lejn ix-xellug meta f'daqqa wahda rat "xi haga", ossija ambulanza kbira mimlija b'pazjenti, "tghaddi bi "speed" qawwi minn quddiemi". Bhala konsegwenza il-karozza taghha sofriet hsara fuq il-"mudguard" tal-lemin fuq quddiem (ara wkoll l-imsemmi rapport a fol 16 fejn il-hsarat huma deskritti bhala "zghar") In rigward danni, hi kkonfermat li kienet thallset mill-attur nomine hlief in rigward "excess" ta' Lm25 (ara l-affiadvit tal-attur nomine a fol 36 ibid kif ukoll id-dokument minn fol 37 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 24 et seq ibid) spjega li l-ambulanza misjuqa minnu kellha difett fis-"self starter" u b'hekk kien qabbad il-magna taghha bil-metodu komunament uzat u maghruf bhala "ghan-nizla". Minhabba hekk hu jsostni li kien kostrett jsuq kontra s-sinjal tat-traffiku, fatt ammess minnu fix-xhieda tieghu. Fl-ahhar nett, hu jsostni li ma rax il-vettura tal-assikurata tieqaf fuq l-imsemmi sinjal ta' "stop". Fl-istess ambulanza fuq wara u jassisti lill-pazjenti kien hemm Anthony Cauchi (fol 26 tal-istess atti) li insista li ftit qabel l-impatt kien ra l-karozza l-

ohra hierga mill-imsemmi sinjal ta' "stop" izda nesa jekk l-istess ambulanza kienetx qed tinsaq kontra s-sinjal tat-traffiku. Fl-istess ambulanza misjuqa mill-konvenut kien hemm Consiglio Caruana, bil-qieghda fuq quddiem. Pero' sussegwentement hu xehed li effettivament kien qed jimbotta l-istess ambulanza minn wara u b'hekk ma rax l-incident izda "semplicement smajt d-daqqa".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher b'mod car u evidenti li l-kawza ta' dan l-incident kien in-nuqqas da parti tal-konvenut li jobdi s-sinjal "a senso unico" u r-responsabilta kollha ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lilu minhabba negligenza da parti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut dwar l-ammont ta' danni eccepixxa li dan hu esagerat. Pero ma spjegax din l-eccezzjoni jew issottometta xi prova in konnessjoni maghha. Inoltre "arbitrio boni viri", ma jidhirx li dawn effettivament huma esagerati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. tillikwida l-ammont globali ta' dawn fis-somma ta' Lm330.59,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm305.59,0 u lill-attrici s-somma ta' Lm25 bl-imghax legali mill-24 ta' Marzu 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg